32001L0092

L 291/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 8.11.2001

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/92/KE

tat-30 ta' Ottubru 2001

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 92/11/KEE dwar it-tqegħid tal-ħġieġ tas-sigurtà fit-twieqi u l-materjali tal-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fuq vetturi bil-mutur u fuq it-trailers tagħhom u d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([1]), kif ġiet emendata l-aħħar mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/40/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/22/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar it-tqegħid tal-ħġieġ tas-sigurtà fit-twieqi u l-materjali tal-ħġieġ għat-tqegħid fit-twieqi fuq vetturi bil-mutur u fuq it-trailers tagħhom ([3]), kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KE stabbilita mid-Direttiva 70/156/KEE. B'konsegwenza ta' dan, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE dwar sistemi tal-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati japplikaw għad-Direttiva 92/22/KEE.

(2) Sabiex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tiġi standardizzata, huwa meħtieġ li jiġi introdott id-dokument ta' informazzjoni pprovdut mid-Direttiva 70/156/KEE u li jiġi mmodifikat iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni bbażat fuq l-Anness VI tiegħu.

(3) Barra minn hekk, il-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu ssimplifikati sabiex tinżamm l-għażla, ipprovduta fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 70/156/KEE, bejn ċerti direttivi separati u r-regolamenti korrispondenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (KEE/NU). Bħala l-ewwel pass, ir-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 92/22/KEE għandhom jiġu mibdula b'dawk tar-Regolament Nru 43 tal-KEE/ĠM.

(4) Id-Direttivi 92/22/KEE u 70/156/KEE għandhom għal-hekk jiġu emendati skond dan.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Addattament għall-Progress Tekniku stabbilit taħt id-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 92/22/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE lil kwalunkwe *glazing* tas-sigurtà u l-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom li jilħqu r-rekwiżiti strutturali u tat-testijiet imniżżla fl-Annessi."

2. 6. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-applikazzjonijiet kollha għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponenti għandha ssir mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi Stat Membru. L-Istati Membri għandhom joħorġu lill-manifattur jew lill-rappreżentant awtorizzat tiegħu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponent konformi mal-mudell imfassal fl-Anness II A, għal kull tip ta' *glazing* ta' sigurtà u kull materjal ta' *glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom li huma japprovaw it-tip skond l-Artikolu 1."

3. Fl-Artikolu 4, għandu jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, permezz tal-proċedura speċifikata fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, dwar kull approvazzjoni tat-tip ta' komponent li huma jkunu taw, irrifjutaw jew irtiraw skond din id-Direttiva."

4. L-Artikolu 8 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 8*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karrozzerija jew mingħajrha, li għandha ta' mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25 kilometru fis-siegħa, u l-karrijiet tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq binarji, tratturi agrikoli u tal-foresterija, u makkinarju mobbli."

5. L-Annessi huma emendati kif ġej:

(a) il-lista ta' l-annessi u l-Annessi I u II huma mibdula bl-Anness għal din id-Direttiva;

(b) l-appendiċi ta' l-Anness III huwa mħassar.

([1]) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.
([2]) ĠU L 203, 10.8.2000, p. 9.
([3]) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 11.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Lulju 2002, l-Istati Membri ma jistgħux, minħabba raġunijiet irrelatati ma' *glazing* ta' sigurtà jew il-materjali tal-*glazing* fuq vetturi bil-mutur jew il-karrijiet tagħhom:

– jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura, l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta' *glazing* tas-sigurtà jew materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u l-anqas

– li jirrifjutaw li jirreġistraw jew jipprojbixxu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, jew jipprojbixxu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz tal-*glazing* tas-sigurtà jew il-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom,

jekk dan il-*glazing* ta' sigurtà jew il-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata minn din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Ottubru 2002, l-Istati Membri:

– m'għandhomx jibqgħu jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u

– jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

ta' kull tip ta' vettura fuq raġunijiet irrelatati ma' kwalunkwe tip ta' *glazing* tas-sigurtà jew l-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/22/KEE kif emendati b'din id-Direttiva ma jkunux sodisfatti.

3. B'effett mill-1 ta' Lulju 2003, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/22/KEE li għandhom x'jaqsmu mal-*glazing* tas-sigurtà bħala komponent, kif hu mmodifikat b'din id-Direttiva, għandhom japplikaw għar-raġunijiet ta' l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

4. Bħala deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' *spare parts*, ikomplu jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE u li jawtorizzaw il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' *glazing* tas-sigurtà u l-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom li jħarsu d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 92/22/KEE, fil-verżjoni fis-seħħ qabel id-dħul fl-effett tad-Direttiva preżenti, sakemm dan il-*glazing* tas-sigurtà u l-materjali tal-*glazing* għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom:

– huma maħsuba biex jiġu armati ma' vetturi li diġà qegħdin jintużaw, u

– jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva applikabbli meta l-vetturi kienu rreġistrati għall-ewwel darba.

Artikolu 3

Il-punt 9.5.1.5 li ġej huwa miżjud ma' l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE:

"9.5.1.5. Aċċessorji tal-*windscreen* u l-pożizzjoni li fiha huma mwaħħla flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe komponenti elettriċi/elettroniċi involuti."

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2002. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

Il-miżuri adottati mill-Istati Membri għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha issir din ir-riferenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testijiet tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam li jaqa' taħt din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"**LISTA TA' L-ANNESSI**

L-ANNESS I:	Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE	
	Appendiċi 1:	Id-dokument ta' l-informazzjoni rrelatat ma' tip ta' *glazing* ta' sigurtà
	Appendiċi 2:	Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE rrelatat ma' tip ta' *glazing* tas-sigurtà
	Appendiċi 3:	Id-dokument ta' l-informazzjoni rrelatat ma' tip ta' vettura
	Appendiċi 4:	Ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE rrelatat ma' tip ta' vettura
L-ANNESS II:	Qasam ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	
L-ANNESS II A:	Marki ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponent	
	Appendiċi 1:	Eżempji ta' marki ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tal-komponent
L-ANNESS II B:	Speċifikazzjonijiet, testijiet u rekwiżiti tekniċi ġenerali u individwali	
L-ANNESS III:	Vetturi: Rekwiżiti li jirrigwardaw it-twaħħil ta' *windscreens*, u ta' *glazing* minbarra *windscreens*, fuq vetturi	

ANNESS I

Disposizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE

1. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' KOMPONENT TAT-TIP TAL-KE

1.1. L-applikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għall-approvazzjoni tat-tip għal *glazing* għandhom jiġu ssottomessi mill-manifattur tal-*glazing* tas-sigurtà.

1.2. Il-mudell tad-dokument ta' l-informazzjoni qiegħed jiġi riprodott fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

1.3. Id-dipartiment tekniku responsabbli biex imexxi t-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip għandu jiġi pprovdut bi:

1.3.1. numru suffiċjenti ta' biċċiet għat-testijiet jew kampjuni ta' ħġieġ tat-twieqi lesti tal-mudelli kkunsidrati, u fejn ikun meħtieġ in-numru għandu jiġi stabbilit bi ftehim mad-dipartiment tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet.

2. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

2.1. L-applikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għall-approvazzjoni tat-tip għall-vettura fir-rigward tal-*glazing* tas-sigurtà għandhom jiġu ssottomessi mill-manifattur tal-vettura.

2.2. Il-mudell tad-dokument ta' informazzjoni qiegħed jiġi riprodott fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

2.3. Id-dipartiment tekniku responsabbli biex imexxi t-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip għandu jkun ipprovdut bi:

2.3.1. vettura rappreżentattiva tat-tip, u l-vettura għandha tkun, jekk dan ikun meħtieġ, magħżula bi ftehim mad-dipartiment tekniku responsabbli li jmexxi t-testijiet.

3. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TAL-*GLAZING* TAS-SIGURTÀ JEW TAL-VETTURA

3.1. La darba r-rekwiżiti relevanti jkunu ntlaħqu, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE kif indikat fl-Artikolu 4(3) u, fejn xieraq, fl-Artikolu 4(4) ta' Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

3.2. Il-mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE u l-addenda tagħha huma riprodotti fi:

– L-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness fir-rigward ta' applikazzjonijiet taħt il-punt 1.1,

– L-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness fir-rigward ta' applikazzjonijiet taħt il-punt 2.1.

3.3. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE huwa assenjat għal kull tip ta' *glazing* tas-sigurtà jew vettura. L-istess Stat Membru ma jistax jassenja l-istess numru lil tip ta' *glazing* jew vettura oħra.

4. IL-MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP U L-EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

4.1. Meta jsiru modifikazzjonijiet tat-tip lit-tip approvat taħt din id-Direttiva, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

5. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

5.1. Miżuri sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 1

Dokument ta' l-informazzjoni Nru … relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' glazing tas-sigurtà

Direttiva 92/22/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/92/KE

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u għandha tinkludi lista tal-kontenut. Kwalunkwe tpinġijiet għandhom jiġu pprovduti fuq skala xierqa u f'dettal biżżejjed fuq daqs A4 jew fuq *folder* tal-format A4. Ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

0. ĠENERALI

0.1. *Trademarks* (reġistrati) tal-manifattur: . . . . . .

0.2. Tip: . . . . . .

0.2.1. Deskrizzjoni kummerċjali (jekk applikabbli): . . . . . .

0.3. Mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-ħġieġa ([1]): . . . . . .

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([2]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: . . . . . .

0.7. Il-lokazzjoni ta' u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: . . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-produzzjoni: . . . . . .

1. GLAZING TAL-WINDSCREEN U GLAZING IEĦOR

Tpinġija(iet) f'dettal suffiċjenti biex jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip ta' l-apparat u li juru:

1.1. *Għal glazing imwebbes minbarra dak għall-windscreens*

1.1.1. l-arja massima: . . . . . .

1.1.2. l-iżgħar angolu bejn iż-żewġt iġnub ta' maġenb il-ħġieġa tat-tieqa: . . . . . .

1.1.3. l-għoli massimu tas-segment, jekk hemm: . . . . . .

1.2. *Fil-każ ta' windscreens:* pjanta fuq skala, jew fuq l-iskala shiha jew, fejn xieraq, 1/10, għal vetturi minbarra dawk fil-kategorija M1, jew tpinġija ddettaljata li turi:

1.2.1. il-pożizzjoni tal-*windscreen* irrelatata mal-punt tar-'R' fuq is-si u tas-sewwieq fejn approprjat: . . . . . .

1.2.2. l-angolu tar-*rake* tal-*windscreen*: . . . . . .

1.2.3. l-angolu tar-rake tad-dar tas-siġġu, fejn huwa xieraq: . . . . . .

1.2.4. il-pożizzjoni u d-daqs taż-żona li fiha l-kwalitajiet ottiċi huma mħarrġa ([3]): . . . . . .

1.2.5. l-arja żvillupata tal-*windscreen*: . . . . . .

1.2.6. l-għoli massimu tas-segment tal-*windscreen*: . . . . . .

1.2.7. ir-radju tal-kurvatura tal-*windscreen*: . . . . . .

1.2.8. lista tal-mudelli tal-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent hija mfittxa, bl-għoti ta' l-isem tal-manifattur tal-vettura u t-tip u l-kategorija tal-vettura: . . . . . .

([1]) Meta l-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip jinkludi karattri li m'humiex relatati mad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vetturi, il-komponenenti jew l-unitajiet tekni'i separati li hemm riferenza g]alihom f'dan id-dokument, dawn il-karattri g]andhom ji[u mibdula fid-dokumentazzjoni b'simbolu tal-mistoqsija (?) (per e\empju: ABC?? 123??).

([2]) Skond it-ttifsira ta' l-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

([3]) Ċerti windscreens tat-tip 'wraparound' jistgħu jkollhom soqfa tat-tip weqfin kunċettwali, f'liema każ dan ta' l-aħħar għandu jkun indikat permezz ta' tpinġija fuq l-iskrin.

1.3. *Għal glazing doppju*

1.3.1. it-tip ta' kull ħġieġa individwali: . . . . . .

1.3.2. it-tip ta' l-irbit (organiku, tal-ħġieġ jew tal-ħġieġ bil-metal): . . . . . .

1.3.3. il-ħxuna nominali tal-vojt bejn iż-żewġ ħġiġiet: . . . . . .

1.4. *Il-Materjal użat*

1.4.1. In-natura tal-materjal(i): . . . . . .

1.4.2. Il-kulur tas-saff(i) ta' bejniethom: . . . . . .

1.4.3. Il-kulur tal-kisja(jiet) tal-plastik: . . . . . .

1.4.4. Il-kulur tal-ħġieġ: . . . . . .

1.4.5. Kondutturi inkorporati: . . . . . .

1.4.6. Strixxi ta' kontra t-tgħammix: . . . . . .

1.4.7. L-isem kimiku tal-plastik: . . . . . .

1.4.8. Il-kulur tal-plastik: . . . . . .

1.4.9. Il-proċess tal-manifattura (tal-plastik): . . . . . .

Appendiċi 2

Ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

MUDELL

(format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKATI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Stamp of administration

Avviż dwar:

– l-approvazjoni tat-tip ([1])

– l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

għal tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

Ir-raġuni għall-estensjoni: . . . . . .

TAQSIMA 1

0.1. *Trade marks* (reġistrati) tal-Manifattur: . . . . . .

0.2. Tip: . . . . . .

0.3. Mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat, fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]): . . . . . .

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([2]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: . . . . . .

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lokazzjoni u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: . . . . . .

. . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-produzzjoni: . . . . . .

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali: ara l-*addendum*

2. Id-dipartiment tekniku responsabbli biex isiru t-testijiet: . . . . . .

3. Id-data tar-rapport tat-test: . . . . . .

4. In-numru tar-rapport tat-test: . . . . . .

5. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli): ara l-*addendum*

6. Post: . . . . . .

7. Data: . . . . . .

8. Firma: . . . . . .

9. L-indiċi tal-pakkett ta' l-informazzjoni sottomess lill-awtoritajiet kompetenti, li tinkiseb mat-talba, qiegħed jiġi mehmuż ma' dan.

([1]) Ħassar skond kif huwa xieraq.

([2]) Skond it-tifsira ta' l-Anness II A ta' Direttiva 70/156/KEE.

L-Addendum 1 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

WINDSCREENS TAL-ĦĠIEĠ LAMINAT

(ordinarji, trattati jew miksija bil-plastik)

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

- Il-ħxuna nominali tal-*windscreen*: . . . . . .
- In-numru ta' saffi ta' ħġieġ: . . . . . .
- In-numru ta' saffi fuq ġewwa: . . . . . .
- Il-ħxuna nominali tas-saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .
- In-natura u t-tip tas-saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .
- Trattament speċjali tal-ħġieġ (IVA/LE): . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

- In-natura tal-materjal (ħġieġ illustrat, ħġieġ tat-tip '*float*', ħġieġ tal-folji): . . . . . .
- Il-kulur tal-ħġieġ (bla kulur/imlewwen biex ikun iktar skur): . . . . . .
- Il-kulur tas-saff ta' ġewwa (totali/parzjali): . . . . . .
- Il-kulur tal-kisja(iet) tal-plastik: . . . . . .
- Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .
- Strixxi ta' kontra t-tgħammix inkorporati (IVA/LE): . . . . . .
- Il-kulur tal-kisja: . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

5.1. *Dokumenti mehmuża:* Lista ta' windscreens (ara l-addendum 7).

L-Addendum 2 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

WINDSCREENS TA' ĦĠIEĠ TAL-PLASTIK

1. **Papildu inform½26cija**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-Kategorija tal-forma: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tal-*windscreen*: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tal-ħġieġ: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tas-saff(i) tal-plastik li jservu ta' saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .

– In-numru ta' saffi tal-plastik: . . . . . .

– In-natura u t-tip ta' saff(i) tal-plastik li jservu bħala s-saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .

– In-natura u t-tip tas-saff tal-plastik ta' barra: . . . . . .

– Trattament speċjali tal-ħġieġ (IVA/LE): . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

– In-natura tal-materjali (ħġieġ illustrat, ħġieġ tat-tip '*float*', ħġieġ tal-folji): . . . . . .

– Il-kulur tas-saff(i) tal-plastik (totali/parzjali): . . . . . .

– Il-kulur tal-ħġieġ: . . . . . .

– Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

– Strixxi ta' kontra t-tgħammix inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

5.1. *Dokumenti mehmuża:* Lista ta' windscreens (ara l-addendum 7).

L-Addendum 3 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

ĦĠIEĠ TAT-TWIEQI IMWEBBSA B'MOD UNIFORMI

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-Kategorija tal-forma: . . . . . .

– In-natura tal-proċess tat-twebbis: . . . . . .

– Il-kategorija tal-ħxuna: . . . . . .

– In-natura u t-tip tal-kisja(iet) tal-plastik: . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

– In-Natura tal-materjali (ħġieġ illustrat, ħġieġ tat-tip '*float*', ħġieġ tal-folji): . . . . . .

– Il-kulur tas-saff(i) tal-plastik (totali/parzjali): . . . . . .

– Il-kulur tal-ħġieġ: . . . . . .

– Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

– Strixxi ta' kontra t-tgħammix inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

1.3. *Il-kriterji ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent*

– L-arja massima (ħġieġ ċatt): . . . . . .

– L-iżgħar angolu: . . . . . .

– L-arja li hija żvilluppata l-iktar: . . . . . .

– L-għoli massimu tas-segment: . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

L-Addendum 4 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

ĦĠIEĠ TAT-TWIEQI LAMINATI MINBARRA *WINDSCREENS*

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-ħxuna tal-kategorija: . . . . . .

– In-numru ta' saffi ta' ħġieġ: . . . . . .

– In-numru ta' saffi fuq ġewwa: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tas-saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .

– In-natura u t-tip tas-saff(i) ta' ġewwa: . . . . . .

– Il-ħxuna tal-kisja(iet) tal-plastik: . . . . . .

– In-natura u t-tip tal-kisjiet tal-plastik: . . . . . .

– Trattament speċjali tal-ħġieġ (IVA/LE): . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

– In-natura tal-materjal (ħġieġ illustrat, ħġieġ tat-tip '*float*', ħġieġ tal-folji): . . . . . .

– Il-kulur tas-saff ta' ġewwa (totali/parzjali): . . . . . .

– Il-kulur tal-ħġieġ: . . . . . .

– Il-kulur tal-kisja(iet) tal-plastik: . . . . . .

– Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

– Strixxi ta' kontra t-tgħammix inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

L-Addendum 5 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

ĦĠIEĠ TAT-TWIEQI TAL-PLASTIK MINBARRA *WINDSCREENS*

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-ħxuna tal-kategorija tal-ħġieġ: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tal-komponent tal-ħġieġ: . . . . . .

– Trattament speċjali tal-ħġieġ (IVA/LE): . . . . . .

– In-numru ta' saffi tal-plastik: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tas-saff(i) tal-plastik li jservu ta' saffi ta' ġewwa: . . . . . .

– In-natura u t-tip ta' saff(i) tal-plastik li jservu ta' saffi ta' ġewwa: . . . . . .

– In-natura u t-tip tas-saff tal-plastik fuq barra: . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

– In-natura tal-materjal (ħġieġ illustrat, ħġieġ tat-tip '*float*', ħġieġ tal-folji): . . . . . .

– Il-kulur tal-ħġieġ (bla kulur/imlewwen biex ikun iktar skur): . . . . . .

– Il-kulur tas-saff(i) tal-plastik (totali/parzjali): . . . . . .

– Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

– Strixxi ta' kontra t-tgħammix inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

L-Addendum 6 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

UNITAJIET BI *GLAZING* DOPPJU

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-komposizzjoni ta' l-unitajiet bi *glazing* doppju (simettriċi/asimettriċi): . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tal-vojt bejn il-*glazing*: . . . . . .

– Il-metodu ta' l-armar: . . . . . .

– It-tip ta' kull ħġieġa ta' tieqa: . . . . . .

1.2. *Dokumenti mehmuża*

– Formola għaż-żewġ ħġiġiet ta' tieqa f'unità bi *glazing* doppju simettrika skond l-Anness taħt liema ġew ittestjati jew approvati għat-tip tal-komponent.

– Formola għal kull ħġieġa ta' tieqa f'unità bi *glazing* doppju asimettrika skond l-Anness taħt liema ġew ittestjati jew approvati għat-tip tal-komponent.

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

L-Addendum 7 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

IL-KONTENUT TAL-LISTA TAL-*WINDSCREENS*

L-informazzjoni segwenti, bħala minimu, għandu jingħata għal kull *windscreen* kopert b'din l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent:

– il-manifattur tal-vettura: . . . . . .

– it-tip tal-vettura: . . . . . .

– il-kategorija tal-vettura: . . . . . .

– l-arja żvillupata (F): . . . . . .

– l-għoli tas-segment (h): . . . . . .


– il-kurvatura (r): . . . . . .


– l-angolu installata (α): . . . . . .

– l-angolu li jserraħ lura (β): . . . . . .


– il-koordinati tal-punt R (A,B,C) irrelatat mal-punt tan-nofs tax-xoffa ta' fuq tal-*windscreen*: . . . . . .

Id-deskrizzjoni tal-parametru F tal-*windscreen*





Deskrizzjoni tal-parametri r u h tal-windsceen



L-Addendum 8 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' windscreen skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

GLAZING TAL-PLASTIK RIĠIDU MINBARRA *WINDSCREENS*

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-ħxuna nominali ([1]): . . . . . .

– Id-daqs u d-dimensjonijiet: . . . . . .

– Il-kategorija allokata għall-materjal mill-manifattur: . . . . . .

– L-isem kimiku tal-materjal: . . . . . .

– Il-proċess ta' manifattura: . . . . . .

– Il-kulur: . . . . . .

– In-natura tal-kisja tal-wiċċ: . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

Kondutturi inkorporati (IVA/LE): . . . . . .

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

([1]) B'toleranza ta' 10 % għall-glazing tal-plastik u għall-materjali oħra estrużi, it-tolleranza hija ugwali (f'millimetri) għal ± (0,4 mm + 0,1 e) fejn e hija ugwali għall-ħxuna nominali f'millimetri.

L-Addendum 9 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

GLAZING TAL-PLASTIK FLESSIBBLI MINBARRA *WINDSCREENS*

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-ħxuna nominali ([1]): . . . . . .

– Il-kategorija allokata għall-materjal mill-manifattur: . . . . . .

– L-isem kimiku tal-materjal: . . . . . .

– Il-proċess ta' manifattura: . . . . . .

– Il-kulur: . . . . . .

– In-natura tal-kisja tal-wiċċ: . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

Ma hemmx karatteristiċi sekondarji

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

([1]) B'toleranza ugwali (f'millimetri) għal ± (0,1 mm + 0,1 e) fejn e hija ugwali għall-ħxuna nominali f'millimetri.

L-Addendum 10 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' *windscreen* skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

UNITAJIET TA' *GLAZING* DOPPJU TAL-PLASTIK RIĠIDI

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. *Karatteristiċi prinċipali*

– Il-ħxuna nominali ta' kull ħġieġa: . . . . . .

– Il-ħxuna nominali tal-vojt bejn il-*glazing*: . . . . . .

– Il-kategorija allokata għall-materjal mill-manifattur: . . . . . .

– L-isem kimiku tal-materjal użat f'kull ħġieġa: . . . . . .

– Il-proċess ta' manifattura: . . . . . .

– Il-kulur: . . . . . .

– In-natura tal-kisja tal-wiċċ: . . . . . .

1.2. *Karatteristiċi sekondarji*

Ma hemmx karatteristiċi sekondarji

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

Appendiċi 3

Dokument ta' l-informazzjoni Nru …

skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġie emendat mid-Direttiva 2001/92/KE, skond l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE, fuq l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tip ta' vettura

L-informazzjoni segwenti, jekk applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u għandha tinkludi lista tal-kontenut. Kwalunkwe tpinġija għandha tingħata fl-iskala xierqa u f'dettal suffiċjenti fuq karta tad-daqs A4 jew f'*folder* ta' format ta' l-A4. Jekk ikun hemm xi ritratti, dawn għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati għandhom kontrolli elettroniċi, l-informazzjoni rigward kif jaħdmu għandha tingħata mill-manifattur ta' dan l-apparat elettroniku.

0. ĠENERALI

0.1. *Trade marks* (reġistrati) tal-Manifattur: . . . . . .

0.2. Tip: . . . . . .

0.3. Mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat, fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([2]): . . . . . .

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([3]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: . . . . . .

0.7. F'każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lokazzjoni ta' u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: . . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-produzzjoni: . . . . . .

1. GLAZING TAL-WINDSCREEN U GLAZING IEĦOR

Ritratti u/jew tpinġijiet ta' dettal suffiċjenti ta' vettura rappreżentattiva:

9. XOGĦOL FUQ IL-QAFAS

9.1. It-tip tax-xogħol fuq il-qafas: . . . . . .

9.5. Windscreens u glazing ieħor

9.5.1. Windscreens

9.5.1.1. Il-materjali użati: . . . . . .

9.5.1.2. Il-metodu ta' l-armar: . . . . . .

9.5.1.3. L-angolu tar-rake: . . . . . .

9.5.1.4. In-Numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

9.5.1.5. Aċċessorji tal-*windscreen* u l-pożizzjoni li fihom huma mwaħħla flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor ta' xi komponenti elettriċi/elettroniċi involuti: . . . . . .

9.5.2. *Glazing* ieħor

9.5.2.1. Il-materjali użati: . . . . . .

9.5.2.2. In-Numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

9.5.2.3. Deskrizzjoni fil-qosor ta' xi komponenti elettriċi/elettroniċi fil-mekkaniżmu biex jinfetħu t-twieqi: . . . . . .

([1]) Ħassar liema ma japplikax.

([2]) Meta l-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip jinkludi karattri li m'humiex irrelatati mad-deskrizzjoni tat-tipi tal-vetturi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li għalihom issir referenza f'dan id-dokument, dawn il-karattri għandhom jiġu mibdula b'marka ta' domanda (?) (eżempju: AB~??123??).

([3]) Fit-tifsira ta' l-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

9.5.3. *Glazing* tas-soqfa li jinfetħu:

9.5.3.1. Il-materjali użati: . . . . . .

9.5.3.2. In-Numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

9.5.4. *Glazing* ieħor

9.5.4.1. Il-materjali użati: . . . . . .

9.5.4.2. In-Numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

Appendiċi 4

Mudell

(format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKATI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Stamp of administration

Avviż dwar:

– l-approvazjoni tat-tip ([1])

– l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

għal tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: . . . . . .

Ir-raġuni ta' l-estensjoni: . . . . . .

TAQSIMA 1

0.1. *Trade marks* (reġistrati) tal-Manifattur: . . . . . .

0.2. Tip: . . . . . .

0.3. Mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat, fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]): . . . . . .

0.3.1. Il-lokazzjoni tal-marka: . . . . . .

0.4. Il-kategorija ([2]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: . . . . . .

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lokazzjoni u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: . . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjanti tal-produzzjoni: . . . . . .

TAQSIMA II

1. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli): ara l-addendum

2. Id-dipartiment tekniku responsabbli biex isiru t-testijiet: . . . . . .

3. Id-data tar-rapport tat-test: . . . . . .

4. In-numru tar-rapport tat-test: . . . . . .

5. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli): ara l-*addendum*

6. Post: . . . . . .

7. Data: . . . . . .

8. Firma: . . . . . .

9. L-indiċi tal-pakkett ta' l-informazzjoni ssottomess lill-awtoritajiet kompetenti, li tinkiseb mat-talba, huwa mehmuż ma' dan.

([1]) Ħassar skond kif huwa xieraq.

([2]) Fi ħdan it-tifsira ta' l-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

L-Addendum 10 taċ-ċertifikat Nru…ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

Rigward l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura skond id-Direttiva 92/22/KEE, kif ġiet emendata bid-Direttiva 2001/92/KE

1. **Informazzjoni Addizzjonali**

1.1. *Deskrizzjoni tat-tip ta' glazing użat*

1.1.1. fil-każ ta' *windscreens*: . . . . . .

1.1.2. fil-każ tat-twieqi tal-ġenb: . . . . . .

1.1.3. fil-każ tat-twieqi ta' wara: . . . . . .

1.1.4. fil-każ ta' soqfa li jinfetħu: . . . . . .

1.1.5. fil-każ ta' *glazing* ieħor: . . . . . .

1.2. *Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent tal-'KE'*

1.2.1. għall-*windscreen*: . . . . . .

1.2.2. għat-twieqi tal-ġenb: . . . . . .

1.2.3. għat-twieqi ta' wara: . . . . . .

1.2.4. għas-soqfa li jinfetħu: . . . . . .

1.2.5. għal *glazing* ieħor: . . . . . .

1.3. *L-aċċessorji tal-windscreen u l-pożizzjoni li fihom huma mwaħħlin*

1.4. *Id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-armar ġew/ma ġewx osservati* ([1])

5. **Rimarki**

. . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

([1]) Ħassar dak li mhuwiex applikabbli.

ANNESS II

QASAM TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

1. **Qasam ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tapplika għal *glazing* tas-sigurtà u l-materjali tal-glazing maħsuba li jkunu mwaħħla bħala *windscreen* jew *glazing* ieħor jew bħala panew separattiv fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u għat-twaħħil tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' *glazing* għal tagħmir tad-dawl u sinjali tad-dawl u għad-*dashboard*, *glazing* speċjali li joffri protezzjoni kontra attakk, ħġieġ imwebbes u *windscreens* maħsuba għal vetturi użati f'ambjenti estremi u li għandhom veloċità massima ta' 40 kilometru fis-siegħa.

2. **Definizzjoni**

L-oġġetti in kwistjoni huma dawk imniżżla fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 43 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropea tal-Ġnus Magħquda, fl-iktar verżjoni riċenti adottata mill-Komunità Ewropea.

ANNESS II A

MARKI TA' L-APPROVAZZJONI TAL-KOMPONENT TAT-TIP TAL-KE

1. Il-ħġieġ tat-twieqi tas-sigurtà, inklużi l-kampjuni u l-biċċiet tat-testijiet issottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, għandhom juru l-isem u l-marka tan-negozju tal-manifattur.

2. Minnbarra l-oġġetti elenkati fil-punt 3.3 ta' l-Anness I, is-simboli għandhom jitwaħħlu b'konformità ma' dawk imniżżla fir-Regolament Nru 43 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tal-Ġnus Maqgħuda, fil-verżjoni l-iktar riċenti adottata mill-Komunità Ewropea.

ANNESS II B

SPEĊIFIKAZZJONIJIET, TESTIJIET U REKWIŻITI TEKNIĊI ĠENERALI U INDIVIDWALI

Bl-eċċezzjoni tad-disposizzjonijiet applikabbli għal *windscreens* imwebbsa (mhux koperti b'din id-Direttiva), id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali u individwali, it-testijiet u r-rekwiżiti tekniċi huma dawk imfassla fir-Regolament Nru 43 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tal-Ġnus Maqgħuda, fl-iktar verżjoni riċenti adottata mill-Komunità Ewropea."